MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 2/2012

Go Plc.

vs

Brian Ford

It-Tribunal:-

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fl-ghaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn il-kumpanija attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lilha s-somma ta' sitt mija u ewro u disgha u disghin centezmu (€601.99) liema ammont huwa dovut bi hlas ta' servizzi li jgibu n-numri 21581571, u 01425039894, u 01425041893 (A/C 40086785). Dan bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra

ufficjali spedita ai termini ta’ l-artikolu 1668 tal-Kap 12 fit-tlieta (3) ta’ Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra ir-riferta negattiva tal-konvenut Brian Ford li ma giex notifikat la bil-posta ordinarja u l-anqas bil-purtier.

Ra id-digriet tieghu ta’ l-erbatax (14) ta’ Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn awtorizza illi n-notifika ssir bl-affissjoni u l-publikazzjoni.

Ra ir-riferti a fol. erbatax (14) u hmistax (5) tal-process kif ukoll il-publikazzjoni li saret f’The Times tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) (esebita a fol. 18 tal-process).

Sema’ x-xhieda ta’ Emanuel Cini fis-seduta tat-tnax (12) ta’ Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012).

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra d-digriet tieghu tat-tnax (12) ta’ Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu din il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi f'dan il-kaz il-konvenut ma pprezentax risposta u l-anqas deher biex jikkontesta t-talbiet tal-kumpanija attrici. Il-konvenut gie notifikat permezz tal-publikazzjoni u l-affissjoni. Dan sar f'dati differenti u l-ahhar data cioe' l-pubblikazzjoni fit-Times kienet tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012).

Peress illi fl-ewwel seduta appuntata ghas smigh it-terminu ghar-risposta kif koncess mil-ligi kien ghadu ghaddej, it-Tribunal iddiferixxa din il-kawza ghat-Tnejn tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) fit-tlieta u kwart ta wara nofsinhar (3.15 pm) cioe' wara li jkun ghalaq ir-registru. Dik il-gurnata kienet l-ahhar gurnata li fiha l-konvenut seta' jipprezenta r-risposta tieghu. Jirrizulta illi sal-hin li ghalaq ir-registru f'dik il-gurnata, l-konvenut ma pprezentax risposta. Fiz-zewgt seduti hu l-anqas deher biex jikkontesta t-talbiet.

Illi t-Tribunal wara li sema' lil Emanuel Cini jikkonferma illi d-debitu ghadu ma giex saldat u wara li ra l-istatement a fol. 11 u 12 tal-process esebit skont ma' kien ordna l-istess Tribunal, jidirlu illi t-talba attrici hija wahda gustifikata

Fic-cirkostanzi ghalhekk u fin-nuqqas ta' oppozizzjoni, t-Tribunal jidirlu li ghandu jilqa' t-talba tal-kumpanija attrici in toto.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' din it-talba, jikkundanna lill-konvenut ghas-somma ta' sitt mija u ewro u disgha u disghin centenzmi (€ 601.99) u bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. L-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali imsemmija fl-avviz tat-talba jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------